**28 ta' Lulju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Alfred Gatt in rappresentenza tas-soċjetà *Galdes & Mamo Limited* u dina bħala aġent tas-soċjetà assikuratriċi estera *Royal Insurance Company Limited* issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha s-soċjetà Angelo Vella *Limited*

*versus*

Godwin Abela u John Cavallo għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà *"The Cargo Handling Co. Limited"*

**Sentenza – Nullità ta' – Prinċipju ta' *Audi Alteram Partem***

*Il-Qorti ta' l-Appell annullat sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex sabet illi din il-kawża ġiet deċiża mingħajr ma kienet tħalliet għas-sentenza.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-Qorti tal-Kummerċ li biha s-soċjetà ppremettiet li s-soċjetà 'Angelo Vella *Limited'* impurtat fuq il-vapur *Sopot* minn Franza diversi partiti ta' *Galvanized Steel Sheets* u partita waħda minnhom kienet ta' 35 *bundles* skond Polza ta' Kariku Numru 14; u li meta l-merkanzija ġiet skarikata u kkonsenjata lill-importatur mis-soċjetà konvenuta kien hemm nuqqas ta' 3 *bundles* minn din il-partita kif ġie ammess fil-*Cargo Receipt* li s-soċjetà konvenuta tat lill-aġent tal-vapur u fl-*endorsements* tal-*Form 4* tad-Dwana; u illi s-soċjetà attriċi bħala assikuratriċi ta' din il-merkanzija ħallset lill-importatur is-somma ta' Lm609.79,0, u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet tiegħu (Dok. D) u għalhekk talbet li l-ewwel Onorabbli Qorti (1) tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli għan-nuqqasijiet indikati; (2) li jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm609.79,0, in linea ta' danni għan-nuqqasijiet sofferti mill-importatur. Bl-interessi u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine;*

Illi l-konvenuti *nomine* eċċeppew li t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li hija kkonsenjat il-merkanzija *de quo* fl-istess stat u ammont illi rċevietha;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tat-12 ta' Frar, 1985, li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur *nomine* u għalhekk iddikjarat lill-konvenuti *nomine* responsabbli għan-nuqqas tat-tliet *bundles* imsemmija fiċ-ċitazzjoni billi kkundannathom iħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm609.79, in linea ta' danni għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż u bl-imgħax mitluba, u dan kollu wara li dik l-Onorabbli Qorti kkunsidrat li ġej u ċjoè:

L-attur *nomine* b'din il-kawża qed jallega li l-kumpanija Angelo Vella *Limited* importat fuq il-vapur *Sopot*, minn Franza diversi partiti ta' *"Galvanized Steel Sheets"*, u partita waħda minnhom kienet ta' 35 *bundles* skond il-Polza tal-Kariku Nru. 14 – Dok.A. Meta l-merkanzija ġiet skarikata u kkonsenjata lill-Importatur mis-soċjetà konvenuta kien hemm nuqqas ta' 3 *bundles* minn din il-partita kif ġie ammess fil-*Cargo Receipt* li s-soċjetà konvenuta tat lill-Aġent tal-Vapur u rrapportat fl-ittra tagħha (Dok. B), u jirriżulta wkoll fl-*"endorsement"* tad-dokument *Form* 4 tad-Dwana (Dok. A);

L-importazzjoni ta' din il-konsenja kienet assikurata mis-soċjetà attriċi fil-kwalità indikata u għalhekk bħala kumpens ta' dan in-nuqqas l-istess soċjetà attriċi fil-kwalità indikata kif kienet obbligata, ħallset lill-importatur is-somma ta' Lm609.70, u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. D). Billi l-konvenuti *nomine* fil-fehma ta' l-attur *nomine* huma responsabbli għal dan in-nuqqas u dawn ma rrimborżawhx

tad-danni sofferti minnu derivanti minn dan in-nuqqas. Għalhekk l-attur kellu jistitwixxi din il-kawża;

Min-naħa tagħhom il-konvenuti *nomine* qed jeċċepixxu li t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra s-soċjetà *"The Cargo Handling Co. Limited"* huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi s-soċjetà *"The Cargo Handling Co. Limited"*, ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont illi rċevietha;

L-attur esebixxa *Bill of Lading* Dok. A, li kien juri l-import tal-35 *bundle galvanized Steel* u *endorsements* tad-dokument, *Form* 4, tad-Dwana (Dok. Ċ). Il-kumpanija assikuratriċi ħallset lill-assikurat tagħha s-somma ta' Lm609.79, u skond Dok. D esebit mill-attur *nomine* stess li ġie issurrogata fid-drittijeit ta' l-assikurat. Fil-kawża xehed biss Francis Meilaq li huwa *General Manager* tas-soċjetà Angelo Vella *Limited* li fuq il-vapur *Sopot* kien hemm merkanzija tal-*Galvanized sheets* għalihom. B'kollox kellhom jirċievu 123 *bundles*. Fost din il-merkanzija bil-*Bill of Lading* Nru. 14 huma kellhom jirċievu wkoll partita ta' 35 *bundle*. Minn dan huma rċevew tlieta (3) neqsin;

Il-konvenuti kellhom opportunità li jixhdu u jressqu provi kuntrarji però dawn m'għamluhomx. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti t-talbiet ta' l-attur *nomine* jidhru li għandhom jiġu milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti *nomine* u l-petizzjoni ta' l-appell taggħhom li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti *nomine* bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-appellati *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat *nomine* li biha ssottometta li għar-raġunijiet minnu mogħtija s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u għalhekk l-appell għandu jiġi respint;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra tissofferma fuq preġudizzjali li ġiet issollevata mill-appellanti *nomine* u ċjoè li l-ewwel Qorti naqset milli tosserva l-prinċipju ta' l-"*audi alteram partem*" u tat is-sentenza appellata meta l-kawża ma kinitx ġiet iddifferita għas-sentenza;

Illi verament dan l-aħħar parti ta' l-aggravju ta' l-appellanti ġie ssollevat fit-trattazzjoni orali li saret quddiem din il-Qorti u a bażi tiegħu l-istess appellanti *nomine* qed jitolbu li din il-Qorti tippronunzja n-nullità tas-sentenza appellata;

Illi effettivament jirriżulta mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar, 1985, illi f'dik is-seduta wara li xehdu Herbert Naudi, George Olden u Paul Zahra l-kawża tħalliet għall-11 ta' Frar, 1985, mingħajr ma ġie indikat fl-istess verbal għalfejn kienet qed tiġi ddifferita l-kawża;

Fis-seduta tal-11 ta' Frar, 1985, meta ssejjħet il-kawża deher Dr. Ray Pace li hu d-difensur tal-konvenuti *nomine* issa appellanti. Ma jidher li deher ħadd iżjed u l-Qorti ddifferiet il-kawża għat-12 ta' Frar, 1985, testwalment skond il-verbal relattiv

"għall-fini tal-verbal preċedenti";

Fit-12 ta' Frar, 1985, il-kawża ġiet deċiża;

Issa, fis-seduta tas-6 ta' Frar, 1985 ma jistax ikun li l-kawża ġiet iddefferita għall-11 ta' Frar, 1985, għas-sentenza għax kieku fil-11 ta' Frar l-ewwel Qorti kienet jew tippronunzja s-sentenza jew inkella tivverbalizza għaliex ma kinitx qed tippronunzjaha u mhux tiddeferixxi għall-għada għall-fini tal-verbal tas-6 ta' Frar, 1985. Dana jassumi aktar importanza meta qiegħed jikkunsidra li fis-seduta tal-11 ta' Frar, 1985 l-unika persuna preżenti kienet proprju d-difensur tal-konvenuti *nomine* li ċertament kien jivverbalizza l-opposizzjoni tiegħu għal differiment għas-seduta kieku l-kawża kienet qed tiġi differita għas-sentenza. Hu evidenti però li l-kawża effettivament qatt ma kienet ġiet iddefferita għas-sentenza u għalhekk fit-12 ta' Frar, 1985, kif dejjem ġie deċiż minn din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma setgħetx tgħaddi għas-sentenza. Dan iġib in-nullità tas-sentenza appellata li issa ser tiġi ppronunzjata;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-aggravju tan-nullità tas-sentenza appellata u konsegwentement tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u għalhekk tirrinvija l-atti lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi;

L-ispejjeż kollha jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.